Mellieħa

# Kunsill Lokali Mellieħa

# Il-Pjan tal-Ħidma

# 2018 - 2020

## Il-Werrej


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni | 2 |
| L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri | 3 |
| L-GĦanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji | 4 |
| Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill | 7 |
| Attivitajiet Ġenerali | 10 |
| Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment | 12 |
| L-Infieq Kapitali | 15 |

## Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Fir-rapporti tal-Uditur Ġenerali għas-snin 2013, 2014 u 2015 jidher żbilanċ komprensiv bejn id-dħul u l-infieq reġistrat f'dawk is-snin li fit-totalità tiegħu laħħaq €46,641, li allura affettwa r-riżervi tal-Kunsill. Din it-tendenza nqalbet fl-2016, meta rriżulta bilanċ pożittiv ta' €31,951. Wieħed irid jgħid li d-*deficit* kien ġej mill-valur tad-diprezzament fuq proġetti li twettqu fis-snin ta' qabel, iżda li ġew kapitalizzati bejn l-2013 u l-2015. Għalkemm dan kien fattur notevoli, ir-riżervi kienu biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għaliħ. Mill-indikazzjonijiet li għandna l-bilanċ pożittiv registrat fl-2016 ser ikompli jissaħħaħ fl-2017.

Kif inhuwa evidenti mill-iskedi li jiffurmaw parti minn dan il-pjan, huwa importanti li l-Kunsill ifittex sorsi ta' finanzjament oltre l-Allokazzjoni Annwali mill-Gvern Ċentrali, partikularment fit-tieni u t-tielet sena tal-Pjan. Apparti dak li jiġi minn programmi tal-Unjoni Ewropea, finanzjament lokali normalment jingħata f'istess sena li jrid jintefaq jew fis-sena ta' wara. Għaldaqstant għall-2019 u l-2020 mhux qed jiġi ndikat ebda dħul ta' dan it-tip, għalkemm huwa mistenni. Fl-ewwel sena tal-Pjan ta' Ħidma, il-Kunsill huwa ottimist li ser jottjeni dan il-finanzjament, partikularment f'dak li jirrigwarda r-restawr. Fil-każ ta' titjib ta' infrastruttura eżistenti, jew proġetti ġodda, il-Kunsill ser jara li dawn jitwettqu minn fondi lokali, jew bi sħab ma' entitajiet governattivi.

Sta għall-Kunsill li jkun proattiv biżżejjed biex iressaq talbiet minn sorsi ta' finanzjament disponibbli ħalli jkun f'pożizzjoni li jwessgħa l-firxa ta' proġetti u inizjattivi li jista' jidħol għalihom. Importanti wkoll li ġaladarba jinkisbu l-fondi, dawn jiġu amministrati skont ma titlob il-liġi u termini oħra li jiġu mposti mill-entità li tallokahom.



John Buttigieg - **Is-Sindku**

**2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni**

L-għan tal-Kunsill huwa li jservi ta' gvern lokali li jamministra skont il-parametri tal-liġi, b'mod trasparenti u parteċipattiv, filwaqt li jieħu deċiżjonijiet fl-interess komuni tar-residenti.

**2.2 Il-Valuri**

Il-valuri mħaddna mill-Kunsill Lokali Mellieħa huma:

- Li jaħdem għall-benefiċċju tal-lokalità in ġenerali mingħajr ma jiddeskrimina bejn żona u oħra.
- Jikkonsidra bl-istess mod il-ħtiġijiet ta' l-irħula u komunitajiet żgħar li jinstabu fil-lokalità, daqs dawk tal-Mellieħa li fhaddan fiha l-akbar numru ta' residenti.
- Jirrispetta l-opinjonijiet u twemmin politiku divers li jeżistu fil-lokalità.
- Iħajjar lir-residenti jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet li jittieħdu billi jinħolqu strutturi li permezz tagħhom issir konsultazzjoni ma' nies ta' esperjenza, jew esperti fil-qasam rispettiv. Fejn ikun hemm numru konsiderevoli ta' nies li ser jintlaqtu b'xi deċiżjoni li tkun ser tittieħed, il-Kunsill jaddotta l-metodu ta' konsultazzjoni aktar miftuħa permezz ta' laqgħat direttament mal-pubbliku u jekk ikun hemm bżonn anke msaħħaħ bi studji u riċerka.
- Jistma x-xogħol imwettaq mill-għaqdiet kulturali li jiffunzjonaw fil-Mellieħa u jkun strumentali biex l-għanijiet tagħhom jintlaħqu bi kwalunkwe` mezz possibbli fil-parametri tal-liġi dwar il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill jara li ma jidħolx f`kompetizzjoni mal-istess għaqdiet fl-inizjattivi li jittieħdu.
- Jara li l-fondi pubbliċi allokati lilu jintefqu bl-aktar mod effettiv, effiċjenti, b'tali mod li jinġieb il-valur tal-flus li jintefqu permezz ta' kontroll fuq il-kwalita`.
- Iservi ta' vuċi għall-kostitwenti tiegħu ma' Ministeri, Dipartimenti u/jew entitajiet pubbliċi fuq materji li jolqtu l-lokalità.
- Jara li jikkonsolida t-tliet ftehim ta' ġemellaġġi li diġa huma fis-seħħ bil-għan li jwessa` l-orizzonti tar-residenti bi skambi li jista' jseħħu bis-saħħa tal-istess ġemellaġġi.
- Jara fuq kollox li jiffunzjona fil-qafas tal-liġijiet u regolamenti dwar l-operat tal-kunsilli lokali u leġiżlazzjoni oħra relatata.

## 3.1 L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija matul il-Perjodu tal-Pjan

| L-Għanijiet | Ir-Riżultati Mistennija |
|---|---|
| • L-Ambjent | o Il-Kunsill ser jara li jkun hemm infurzar tal-liġi f'żoni rurali, filwaqt li jemmen illi dawn għandhom jidgawdew mill-Maltin u t-turisti bil-galbu u mingħajr ħsara ambjentali fil-qafas legali u *bye-laws* li ntroduċa l-Kunsill;<br>o Bi sħab mal-Gvern Ċentrali u oħrajn jieħu sehem f'kampanji edukattivi u jiġu ntrodotti miżuri sabiex ir-residenti jiġu nkoraġġiti u nċentivati jisseparaw l-iskart u jieħdu sehem f'attivitajiet bħalma huma *clean-ups*, u hekk tinħoloq kuxjenza aktar favur iż-żamma tal-indafa; u<br>o Żieda ta' postijiet ta' rikrejazzjoni f'wesgħa li għadha mhux żviluppati fiż-żona ta' Mellieħa Heights u titjib ta' faċilitajiet f'dawk eżistenti. |
| • Titjib fil-kwalità tat-toroq u żoni urbani fil-lokalità, b'mod partikulari dawk li għadhom mhux miksija bit-tarmak. | o Ser ikompli l-programm ta' *resurfacing* ta' toroq fi Triq Ġorġ Borg Olivier;<br>o Teħid ta' deċiżjoni dwar il-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata bil-għan li ż-żona tal-knisja u Ġnien iż-Żerniq isir użu minn b'aktar sigurtà. |
| • Apprezzament ta' beni storiċi. | o Ser ifittex finanzjament mill-Unjoni Ewropea sabiex il-Batterija ta' Westreme, li tilqa' il-Mużew tat-Tunnara, isirulha t-tiswijiet meħtieġa fuq il-ħitan ta' barra, filwaqt li jiġu mtejba l-faċilitajiet fl-istess mużew.<br>o Ser ikun qed isegwi u jassisti fir-restawr u l-kustodja tat-Torri l-Abjad li issa ġew fdati f'idejn is-Soċjetà Din l-Art Ħelwa;<br>o Jingħata appoġġ lill-attivitajiet li jiġu organizzati mill-Fondazzjoni ARKEO, sabiex il-pubbliku jkollu l-opportunita` li jżur il-*heritage trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ;<br>o Introduzzjoni ta' dwal ornamentali fiċ-ċentru storiku tal-Mellieħa, flimkien mal-pavimentar taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali;<br>o Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni simili għal dak ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.<br>o Il-parti l-antika tal-Manikata tinxtegħel bi dwal ornamentali;<br>o Iffittex sorsi ta' finanzjament sabiex tiġi restawrata l-Knisja l-Qadima tal-Manikata u tinbidel f'post li jkun jista' jintuża mill-komunità ta' dan ir-raħal. |

| | |
|---|---|
| • Sigurta` u Serħan-il Moħħ għar-Residenti | • Ser jara li titjieb is-sistema ta’ dwal fi Triq il-Qortin u l-parti ta’ fuq ta’ Triq Għajn Żejtuna. |
| • L-Edukazzjoni | • Għoti ta' kotba u mezzi oħra ta' tagħlim lill-Librerija Pubblika tal-Mellieħa, permezz ta’ koperazzjoni aktar mill-qrib mal-Librerija Nazzjonali skont il-ftehim dwar it-tmexxija ta’ l-istess librerija, kif ukoll bil-għajnuna tal-Iskema dwar il-Libreriji mħaddma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. L-attrezzar u l-aġġornament tal-librerija jħajjar aktar nies jaqraw.<br>• Tisħiħ tal-korsijiet – Tagħlim Tul-Ħajja - bil-kollaborazzjoni mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni u entitajiet privati, bil-għan li t-tagħlim jinġieb aktar qrib ir-residenti ta’ etajiet varji.<br>• Żjarat edukattivi barra mil-lokalità |
| • Faċilitajiet Sportivi | • Użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja f’Ta’ l-Ibraġ mill-assoċjazzjonijiet sportivi Melleħin. Filwaqt li dawn għandhom jingħataw priorità, il-Kunsill jeħtieġ jimmassimizza l-użu tal-faċilitajiet eżistenti billi l-faċilitajiet ikomplu jiġu użati minn entitajiet bħal SportsMalta li jġibu nies anke minn barra-il lokalità. |
| • Attivitajiet Popolari | • L-organizzazzjoni ta’ attivitajiet popolari ser tkomplu bil-għan li l-kwalità tal-ħajja tar-residenti togħla, filwaqt li l-lokalità tal-Mellieħa tieħu postha fuq il-mappa kulturali ta’ pajjiżna u b’riżultat ta’ dan jitkattar il-kummerċ. Il-Kunsill ser jara kif jolqot sezzjonijiet ta’ nies b’interessi varji permezz tal-attivitajiet li jorganizza.<br>• Jittellgħu attivitajiet li jippromwovu l-folklor u tradizzjoni bħalma hija dik ta’ Lejlet il-Festa tal-Ħġejjeġ u l-inizjattiva l-“Arti fil-Misraħ” li tiżvolġi matul ix-xhur tas-sajf. |

**L-Istrateġiji**

- L-ippjanar tal-proġetti u l-attivitajiet tal-Kunsill jitmexxew b'konsultazzjoni mal-pubbliku. Nemmnu li biex tinkiseb il-fiduċja tar-residenti, il-kunsillieri u l-uffiċjali tal-Kunsill għandhom jkunu aċċessibli għall-pubbliku f'kull waqt u trasparenti fid-deċiżjonijiet li jittieħdu.

- Il-Kunsillieri individwali għandhom jkomplu juru inpenn u koperazzjoni sħiħa bejniethom sabiex jaħdmu bħala tim wieħed, illi jpoġġi l-interessi tal-lokalità l-ewwel u qabel kollox. B'hekk tikber il-kredibilita` u l-fiduċja fil-Kunsill fost ir-residenti.

- Il-Kunsill ikun assertiv fejn jidħlu l-interessi komuni tar-residenti, kemm mal-entitajiet governattivi, kif ukoll ma' individwi u organizzazzjonijiet privati.

## 4.1 L-Analiżi tal-Ħidma

Il-Kunsill jemmen li l-allokazzjoni tal-fondi tiegħu għandha tkun waħda bilanċjata li tkopri il-firxa sħiħa ta' dak li jistennew ir-residenti. Hemm min jikkritika li qed nonfqu wisq fuq l-attivitajiet kulturali, li għalkemm huwa veru li dawn jirrikjedu nefqa sostanzjali biex ikunu ta' livell, huma meħtieġa biex jiġġedded il-wirt kulturali tagħna, kif ukoll biex jippromwovu l-lokalità, kemm fost il-Maltin, kif ukoll mat-turisti. Dan huwa aspett li ngħata rikonoxximent kemm-il sena mid-Dipartiment tal-Kummerċ bl-għoti tal-Premju Appoġġ lill-Intrapriża. Biex dawn l-attivitajiet ma jkunux ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill, naraw li niksbu għajnuna mill-Gvern Ċentrali permezz tal-iskemi li jkunu fis-seħħ għal dan il-għan.

Il-Mellieħa tattira eluf ta' nies biex jirrikrejaw ruħom b'diversi modi, fosthom l-ikkampjar, *barbecues* eċċ, li jirrikkjedi allokazzjoni ta' postijiet fejn jistgħu jsiru dawn l-attivitajiet. Il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika fuq l-aġġornament tal-*bye-laws* introdotti fl-2009 intemm fl-2015 u sussegwentement ġew approvati mill-awtoritajiet kompetenti u ppubblikati f'Settembru 2017, Permezz tagħhom, dawn l-attivitajiet fil-beraħ ikunu regolati aħjar u jinħoloq sors ta' finanzjament sabiex jiġi sostnut l-infurżar tagħhom permezz tal-Pulizija u l-Uffiċjali tal-Komunità.

Il-Kunsill qed jippjana l-iżvilupp ta' post ieħor ta' rikrejazzjoni fiż-żona ta' *Mellieħa Heights*, preċiżament fil-qatgħa li hemm bejn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Għasel. Għall-2017, il-Kunsill alloka ammont żgħir ta' fondi fl-ewwel sena tal-pjan bil-għan li jkunu jistgħu jibqgħu għaddejjin it-tħejjiet għall-proġett, filwaqt li qed jara li x-xogħol fuq il-post jinbeda fl-2019, u jkompli għaddej fis-sena ta' wara, possibilment b'finanzjament minn sors apparti l-allokazzjoni annwali mill-Gvern Ċentrali.

Biex jikkumplimenta x-xogħlijiet li saru fuq il-Belvedere tas-Sur, il-Kunsill ser jibqa' f'kuntatt mal-partijiet kollha konċernati, apparti d-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura, bil-għan li jsir pavimentar ġdid fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. Ser jitkompla t-tisbiħ tal-parti t'isfel tat-taraġ fi Triq San Publiju fil-parti li tinsab bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Parroċċa. *Upgrading* ta' taraġ ieħor li jinsab fil-qalba tal-Mellieħa l-antika huwa dak ta' Triq il-Mitħna l-Qadima, fejn ser isir puġġaman għall-ewwel darba, kif ukoll jinbidel dak tal-ġebel li hemm fi Triq Sant' Anna, sabiex isir ieħor pariġġ dak ta' Triq il-Mitħna l-Qadima. Il-proġett jinkludi wkoll l-installazzjoni ta' dwal ornamentali fi Triq Sant' Anna, kif ukoll it-tneħħija tat-taraġ li hemm fi Triq Sant' Anna u minfloku ssir rampa li għandha tiffaċilità l-aċċess għall-persuni bi bżonnijiet speċjali.

Il-Kunsill ser jara li x-xogħol fuq il-passaġġ u taraġ li jgħaqqad Triq Dun Franġisk Sciberras ma' Triq il-Marfa jiġi konkluż kmieni fl-ewwel sena tal-pjan. Proġett ieħor li qed isiru t-tħejjijiet bi sħiħ għalih huwa dak tal-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni li diġà huwa kopert bil-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll saret sejħa għall-offerta u nstab il-kuntrattur sabiex iwettaq ix-xogħlijiet. Hawnhekk ukoll saret talba bil-għan li dan jiġi ffinanzjat mill-Fond tal-Ippjanar, u attwalment għaddejjin kuntatti mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jingħataw il-fondi meħtieġa u jinbeda x-xogħol fuq il-post.

Fl-ewwel sena tal-Pjan, il-Kunsill ser jikkonkludi proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea li jinvolvi ħames konferenzi, imsejjaħ "*Small Market at the Heart of the European Economy"* li ġie allokat għalih baġit ta' €150,000. L-ewwel konferenza seħħet f'Diċembru 2016, fil-Mellieħa, filwaqt li f'Lulju 2017 f'Vecpielbalgas fil-Latvja saret it-tieni konferenza, it-Tielet konferenza saret f'Settembru 2017 f'Cugir fir-Rumanija, u f'Ottubru 2017 f'Aquaviva delle Fonti, fl-Italja. L-aħħar konferenza ser issir f'Casalborgone fl-Italja f'Mejju 2018. Apparti dan, ser isiru applikazzjonijiet biex

jinġiebu fondi Ewropej fir-rigward tar-restawr u attrezzar tal-Batterija ta' Westreme, fejn hemm il-Mużew tat-Tunnara, kif ukoll għat-titjib ta' toroq rurali u tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ. Huwa mbassar ukoll li l-Kunsill ikun involut ma' imsieħba oħra fuq proġett dwar il-produzzjoni tal-għasel li jkun jinvolvi l-kumpless tal-irżieżet f'Selmun.

Xi ħaġa li tissemma sena għal sena, huwa l-*private public partnership* li l-Kunsill daħal għalih ħames snin ilu. Dan jorbot il-Kunsill, il-Gvern Ċentrali, flimkien mal-kuntrattur Central Asphalt Ltd biex twettaq ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier, li kien jinvolvi wkoll il-kostruzzjoni ta' bankini u bdil ta' servizzi. Iż-żewġ fażijiet ta' dan il-proġett twettqu bejn Ġunju 2011 u Ġunju 2012 u swew ftit aktar minn €736,000. Fil-perjodu kopert b'dan il-pjan, jeħtieg li l-Kunsill jgħaddi €89,058 lill-kuntrattur konċernat.

Matul is-snin, il-Kunsill daħal għall-implimentazzjoni ta' numru ta' proġetti kapitali li minħabba l-manutenzjoni li jeħtieġu żdiedet l-ispiża rikorrenti. Huwa importanti li din l-infrastruttura tinżamm fi stat tajjeb b'manutenzjoni kontinwa, u għaldaqsant Kunsilli futuri m'għandhomx ikunu biss għatxana għall-proġetti kapitali ġodda biss, iżda jallokaw fondi biżżejjed sabiex dak li diġa sar jiġi konservat u jekk ikun hemm bżonn jiġi mtejjeb.

## 4.2 L-Organizzazzjoni

**Il-Kunsill**

**Is-Sindku**

**Is-Segretarju Eżekuttiv**

**Assistant Uffiċjal Prinċipali fi Skala 10**

**Uffiċjal fi Skala 15 (*Back Office*) u Żewġ Uffiċjali fi Skala 14 (*Front Office*)**

**Assistent Uffiċjal Priċipali fi Skala 11 b'doveri relatati ma' materji li jinvolvu programmi ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea u relazzjonijiet pubbliċi**

**Erba' Ħaddiema assenjati mid-District Operations Ltd**

***Contract Manager***
***Road Resurfacing***

***Contract Manager***
**dwar id-Dwal**
**Tat-Toroq**

***Contracts Manager***
**Servizzi li jirrendi l-Kunsill**

## 4.3 Attivitajiet Ġenerali

Matul il-perjodu kopert b'dan il-Pjan ta' Ħidma ser ikun hemm il-ħtieġa li mill-inqas isiru tlettax-il sejħa għall-offerti f'dawk li huma servizzi li l-Kunsill huwa obbligat li jirrendi skont il-liġi. L-ispejjeż marbuta magħhom mistennija jiddependu minn diversi fatturi u għalhekk fl-iskedi tal-infieq rikorrenti tidher żieda ta' 1% fil-mija minn sena għall'oħra. Il-kuntratti dwar is-servizzi li trid issir sejħa pubblika għalihom matul il-perjodu kopert b'dan il-Pjan ser ikunu kif jidher hawn taħt:

| Kuntratt |
|---|
| Xiri ta' Poloz ta' Assikurazzjoni |
| Servizz dwar Ġbir ta' Skart Goff |
| Servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat |
| Servizz ta' *Accountant* |
| Provista ta' konkos għal użu ġenerali |
| Provista ta' asfalt |
| Servizz dwar żamma u tindif ta' latrin pubbliċi |
| Servizz ta' *resurfacing* ta' toroq u servizzi anċillari |
| Servizz ta' *contract management* for *resurfacing* ta' toroq u servizzi anċillari |
| Servizz ta' manutenzjoni ta' ġonna, *soft areas* u qsari |
| Servizz ta' iddinsinjar u stampar tan-*newsletter* tal-Kunsill |
| Servizz ta' *contract management* (operazzjonijiet ġenerali) u servizzi anċillari |
| Servizz ta' tintif ta' toroq rurali |

Il-Kunsill ser jibqa' jinsisti mal-awtoritajiet kompetenti dwar il-problema tat-traffiku fil-Manikata, li primarjament hija kkawżata bil-volum tat-traffiku li qed jgħaddi minnha. Il-Kunsill huwa tal-ideja li ssir sistema ta' *one-way* fi Triq il-Manikata, li talterna fid-direzzjoni permezz ta' *traffic lights*. Il-Kunsill jemmen ukoll li biex isir użu sħiħ tat-triq il-ġdida li saret biswit Misraħ il-Parroċċa jeħtieġ li titneħħa l-kantuniera perikoluża li din it-triq għandha, kif ukoll tiġi spussjata ħalli tiżbokka eżatt bi dritt Triq il-Knisja il-Qadima. Il-Kunsill għamel applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għal dan il-għan sabiex jiffaċilita` il-proċess u hekk Transport Malta tkun tista' tagħmel it-tibdil meħtieġ fl-iqsar żmien possibbli. Sfortunatament il-permess ma' ħariġx billi l-Awtorità tal-Artijiet ma kkonċedietx l-art meħtiega. Forsi l-alternattiva li fadal biex jitnaqqas il-periklu huwa li t-toroq ta' madwar Misraħ il-Parroċċa jsiru *one-way*. Il-Kunsill m'huwiex iqis li Sqaq Ħarruba (it-triq tal-konkos) hija s-soluzzjoni tal-problema tat-traffiku fil-Manikata. Il-Kunsill jemmen li s-soluzzjoni *long-term* hija l-proġett tal-*bypass* tal-Manikata, li jrid jitwettaq minn fondi Ewropej bħala parti mill-programm tat-*Trans-European Transport Network*.

Jeħtieġ li l-Kunsill ikun prudenti ħafna partikularment f'dik li hija nefqa rikorrenti matul l-perjodu kopert bil-Pjan ta' Ħidma, bil-għan li jkun f'pożizzjoni li jwarrab biżżejjed fondi ħalli jiffinanza l-proġetti mfassla, partikularment il-proġetti ta' ġnien pubbliku fiż-żona ta' Mellieħa Heights. Min-naħa l-oħra għandu isir sforz biex il-Kunsill jibbenefika minn sorsi oħra ta' finanzjament kif sar fir-rigward tal-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni. Din ser tkun sfida għaliex l-ispiża rikorrenti żdiedet sostanzjament bil-manutenzjoni ta' proġetti kapitali li twettqu matul iż-żmien.



C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 € | STIMA 2019 € | STIMA 2020 € | STIMA 2018 - 2020 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,911,394.00 | 1,207,823.85 | 1,219,902.09 | 4,339,119.94 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 112,430.00 | 10,854.30 | 10,962.84 | 134,247.14 |
| 0090 | L-Investiment | 1,400.00 | 1,414.00 | 1,428.14 | 4,242.14 |
| 0100 | Ġenerali | 42,690.00 | 44,824.50 | 47,065.73 | 134,580.23 |
| | **TOTAL** | **2,067,914.00** | **1,264,916.65** | **1,279,358.80** | **4,612,189.45** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 167,690.44 | 170,737.54 | 173,843.17 | 512,271.15 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 837,744.12 | 863,546.99 | 770,464.27 | 2,471,755.38 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 1,458,127.00 | 315,817.00 | 332,737.00 | 2,106,681.00 |
| | **TOTAL** | **2,463,561.56** | **1,350,101.53** | **1,277,044.44** | **5,090,707.53** |
| | **BILANĊ FAVUR / (KONTRA)** | **(395,647.56)** | **(85,184.88)** | **2,314.36** | **(478,518.08)** |
| | **X'KELLNA QABEL** | 597,645.57 | 201,998.01 | 116,813.13 | 597,645.57 |
| | **X'GĦANDNA ISSA** | 201,998.01 | 116,813.13 | 119,127.49 | 119,127.49 |

## Noti u Suppożizzjonijiet

**Id-Dħul**

- Qed jiġi smat li matul it-tliet snin tal-Pjan l-Allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali tiżdied b` 1 % kull sena.
- Id-dħul mill-*bye-laws* jikkonsisti prinċipalment mill-permessi li jinħarġu għal attivitajiet temporanji bħal *barbecues*, ikkampjar eċċ. Dawn mistennija li jiżdiedu bi 0.1% minn sena għal'oħra.

**L-Infiq**

♦ L-infieq fuq is-servizzi li jixtri l-Kunsill, huma stmati li ser jiżdiedu b'rata ta' 2 % kull sena tul il-perjodu tal-Pjan.

..

## It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment (ikompli)

### 5.2. Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 € | STIMA 2019 € | STIMA 2020 € | STIMA 2018 - 2020 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 11,195.50 | 11,307.46 | 11,420.53 | 33,923.48 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 118,310.00 | 120,676.20 | 123,089.72 | 362,075.92 |
| 1300 | Bonus | 9,786.10 | 9,883.96 | 9,982.80 | 29,652.86 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,453.56 | 1,453.56 | 1,453.56 | 4,360.68 |
| 1500 | Kontribuzzjonijçt tas-Sigurtà Soċjali | 10,763.28 | 10,978.55 | 11,198.12 | 32,939.94 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 3,182.00 | 3,213.82 | 3,245.96 | 9,641.78 |
| 1700 | Sahra | 1,800.00 | 1,800.00 | 1,800.00 | 5,400.00 |
| 1800 | L-Onorarja tal-Kunsillieri | 11,200.00 | 11,424.00 | 11,652.48 | 34,276.48 |
| | | **167,690.44** | **170,737.54** | **173,843.17** | **512,271.15** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/i€a/tel. etc.) | 19,336.12 | 19,529.48 | 19,724.78 | 58,590.38 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 2,200.00 | 2,222.00 | 2,244.22 | 6,666.22 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 112,900.00 | 114,029.00 | 115,169.29 | 342,098.29 |
| 2400 | Kera | 4,250.00 | 4,250.00 | 4,250.00 | 12,750.00 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 1,300.00 | 1,313.00 | 1,326.13 | 3,939.13 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 6,900.00 | 6,969.00 | 7,038.69 | 20,907.69 |
| 2700 | Trasport | 11,240.00 | 11,352.40 | 11,465.92 | 34,058.32 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 3,300.00 | 3,366.00 | 3,433.32 | 10,099.32 |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 426,675.00 | 430,941.75 | 435,251.17 | 1,292,867.92 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 27,700.00 | 27,977.00 | 28,256.77 | 83,933.77 |
| 3200 | Taħriġ | 6,000.00 | 6,060.00 | 6,120.60 | 18,180.60 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 118,093.00 | 120,454.86 | 122,863.96 | 361,411.82 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 2,250.00 | 2,272.50 | 2,295.23 | 6,817.73 |
| 3600 | LES Spejjez ta` l-Infurzar Lokali | 100.00 | 100.00 | 100.00 | 300.00 |
| 3700 | Progetti ta' l-Unjoni Ewropea | 85,000.00 | 102,000.00 | 0.00 | 187,000.00 |
| 3800 | Gemellaggi | 10,500.00 | 10,710.00 | 10,924.20 | 32,134.20 |
| | | **837,744.12** | **863,546.99** | **770,464.27** | **2,471,755.38** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' Proprjeta` | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7100 | Bini | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 137,810.00 | 19,000.00 | 19,000.00 | 175,810.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 10,000.00 | 11,000.00 | 7,920.00 | 28,920.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 1,310,317.00 | 285,817.00 | 305,817.00 | 1,901,951.00 |
| | | **1,458,127.00** | **315,817.00** | **332,737.00** | **2,106,681.00** |
| | **TOTAL** | **2,463,561.56** | **1,350,101.53** | **1,277,044.44** | **5,090,707.53** |

Noti:

### 5.3 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 € | STIMA 2019 € | STIMA 2020 € | STIMA 2018 - 2020 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 1,099,031.00 | 1,110,021.31 | 1,121,121.52 | 3,330,173.83 |
| 0002 | Supplimentari | 94,854.00 | 95,802.54 | 96,760.57 | 287,417.11 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | 345,279.00 | 0.00 | 0.00 | 345,279.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ oħra | 372,230.00 | 2,000.00 | 2,020.00 | 376,250.00 |
| | | **1,911,394.00** | **1,207,823.85** | **1,219,902.09** | **4,339,119.94** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 1,730.00 | 1,747.30 | 1,764.77 | 5,242.07 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 8,000.00 | 8,400.00 | 8,484.00 | 24,884.00 |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | ġenerali | 700.00 | 707.00 | 714.07 | 2,121.07 |
| 0070 | Fondi ta' l-Unjoni Ewropea | 102,000.00 | 0.00 | 0.00 | 102,000.00 |
| | | **112,430.00** | **10,854.30** | **10,962.84** | **134,247.14** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 1,400.00 | 1,414.00 | 1,428.14 | 4,242.14 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **1,400.00** | **1,414.00** | **1,428.14** | **4,242.14** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 42,690.00 | 44,824.50 | 47,065.73 | 134,580.23 |
| | | **42,690.00** | **44,824.50** | **47,065.73** | **134,580.23** |
| | | **2,067,914.00** | **1,264,916.65** | **1,279,358.80** | **4,612,189.45** |

## 6.1. L-Infiq Kapitali

| **Nru. tal-Kont**<br>Nru. tal-Proġett | **Infieq Kapitali**<br>Deskrizzjoni tal-Proġett | **2018** | | **2019** | | **2020** | | **2018-20** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | KONT € | PROĠETT € | KONT € | PROĠETT € | KONT € | PROĠETT € | TOTAL TAL-KONT € |
| **7001** | **Xiri ta' Propjeta** | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| 0 | | | 0.00 | | | | | |
| **7100** | **Bini u Kostruzzjoni** | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| 0 | 0 | | 0.00 | | | | | |
| **7200** | **Titjib** | 137,810.00 | | 19,000.00 | | 19,000.00 | | 175,810.00 |
| 7210 | Office Improvements | | 5,000.00 | | 2,000.00 | | 2,000.00 | |
| 7220 | New Street Lamps | | 130,810.00 | | 12,000.00 | | 12,000.00 | |
| 7230 | New Street Furniture | | 2,000.00 | | 5,000.00 | | 5,000.00 | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | 10,000.00 | | 11,000.00 | | 7,920.00 | | 28,920.00 |
| 7310 | Office Equipment | | 2,000.00 | | 2,200.00 | | 2,420.00 | |
| 7311 | Computer Hardware | | 8,000.00 | | 8,800.00 | | 5,500.00 | |
| **7500** | **Proġetti Speċjali** | 1,310,317.00 | | 285,817.00 | | 305,817.00 | | 1,901,951.00 |
| 7502 | Road Resurfacing & Footpath Works | | 585,817.00 | | 35,817.00 | | 35,817.00 | |
| 7505 | Tunnara Project | | 1,000.00 | | | | | |
| 7507 | Misrah il-Parrocca Mellieha Project | | 80,000.00 | | | | | |
| 7512 | Construction of Culverts | | 50,000.00 | | | | | |
| 7517 | Triq l-Inkurunazzjoni Embellishment | | 306,000.00 | | 100,000.00 | | 170,000.00 | |
| 7518 | Embellishment of Stepped Streets | | 160,000.00 | | | | | |
| 7521 | Ġnien Dun Anton Debono | | 35,000.00 | | | | | |
| 7528 | Ghajn tal-Mellieha Environs Restoration | | 55,000.00 | | | | | |
| 7531 | Ġnien tas-Salib Playing Field | | 35,000.00 | | | | | |
| 7527 | Mons F Xuereb/Nahal/Etna Open Space | | 2,500.00 | | 150,000.00 | | 100,000.00 | |

| | 2018 | 2019 | 2020 | 2018-20 |
|---|---|---|---|---|
| **TOTAL Proġetti Ġodda** | 1,458,127.00 | 315,817.00 | 332,737.00 | 2,106,681.00 |

## 6.2. Noti u Suppożizzjonijiet

| | |
|---|---|
| 7210 | Dan il-vot jinkludi fiħ titjib li jrid isir fl-uffiċċju amministrattiv minn żmien għal żmien, fosthom fis-sistema ta' komunikazzjoni telefonika. |
| 7220 | Jinkludi l-installazzjoni ta' lampi ornamentali ġodda li ippjanati li jsiru fl-ewwel sena tal-Pjan, fi Triq il-Knisja l-Qadima, Triq San Guzepp, Triq il-Gilju, Triq ix-Xifer, Triq ir-Rahhala, u Triq Dun Manwel Grima.. |
| 7230 | Dan il-vot huwa maħsub sabiex jagħmel tajjeb għal għamara tat-toroq, bħal *litter bins*, bankijiet eċċ. |
| 7310 | Ser jiġi installat tagħmir elettroniku għall-uffiċċju li kontinwament jrid jiġi aġġornat. |
| 7311 | Is-somma ndikata taħt dan il-vot hija ntiża sabiex isir it-titjib meħtieġ minn żmien għal żmien fuq is-sistema tal-IT mħaddma fl-uffiċċju. Għalhekk dawn il-fondi ser jagħmlu tajjeb għall-installazzjoni ta' *server* tal-kompjuter għall-uffiċċju amministrattiv. Huwa mistenni li dan l-eżerċizzju jiġi implimentat fl-ewwel u t-tieni sena tal-Pjan. |
| 7502 | Dan il-vot huwa ntiż sabiex jiffinanzja l-ftehim tal-*Public Private Partnership* li pprovda għar-*resurfacing* ta' Triq l-Armier bejn it-Triq Ta' Msid u l-Ponta tal-Aħrax, liema ftehim mistenni jiġi konkluż fl-2020. Il-pagament dovut fl-2018 jammonta għal €35,800. Jeħtieġ ukoll ikopri r-*resurfacing* tax-Xatt ta' Santa Marija, li għaliha ġew ivvutati €80,000. |
| 7505 | Wara l-ħsara li ġarrbet il-Batterija ta' Westreme, il-Kunsill applika għall-finanzjament taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali sabiex jiffinanzja r-restawr u titjib fiċ-ċentru ta' interpretazzjoni dwar it-tunnara. Kemm-il darba jiġu approvati l-fondi, huwa mistenni li l-proġett jestendi fuq it-tliet snin tal-Pjan. |
| 7507 | Il-Kunsill qed jivvota fondi għall-bdil tal-dwal eżistenti fil-Beleveder tas-Sur u matul il-parapett f'Misraħ il-Parroċċa tal-Mellieħa. Huwa ippjanat li minflokom jiġu installati dwal ornamentali madwar l-istess pjazza pariġġ dawk li saru fuq iż-żuntier. |
| 7512 | Dan il-vot huwa intiż sabiex isir *culvert* fi Triq Toni Pace. |
| 7517 | Dan il-vot huwa maħsub sabiex isir pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni, iżda l-possibiltà li jitwettaq dan ix-xogħol fl-2018 tkun possibbli sakemm jinkiseb finanzjament mill-Fond tal-Ippjanar ammnistrat mill-Awtorità tal-Ippjanar. |
| 7518 | Il-Kunsill huwa kommess sabiex jimplementa titjib fi Triq il-Mitħna l-Qadima, fi Triq Sant' Anna, flimkien ma' rampa għall-persuni b'diżabilita` li tibda mill-istess triq u tieħu għal Triq Ġorġ Borg Olivier, bil-għan li jitneħħa t-taraġ eżistenti. Dan il-vot ser jipprovdi wkoll għal tisbiħ simili fit-taraġ t'isfel fi Triq San Publiju. |
| 7521<br>7531 | Dan il-vot huwa ntiż sabiex isir *play equipment* modern bis-*safety carpet* madwaru skont l-i*standards* stabbiliti, fi Ġnien tas-Salib, u Ġnien Dun Anton Debono. |
| 7527 | Il-proġett tal-ġnien pubbliku fuq l-art konfinanti minn Triq il-Għasel, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Etna jinvolvi spiża stmata li tlaħħaq €430,000 u għalhekk jeħtieġ tinqasam fuq it-tliet snin tal-Pjan. Għall-2018, il-Kunsill qed jivvota somma żgħira bil-għan li tkopri l-ispejjeż professjonali relatati mal-ippjanar tal-proġett. |
| 7528 | It-taraġ li jgħaqqad Triq Dun Franġisk Sciberras ma' Triq il-Marfa sar perikoluż, bħalma sar perikoluż ukoll il-ħajt li jħares fuq Triq il-Marfa li l-parti t'isfel tiegħu tmermru sew. |